StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta

| **IT-TIELET SENA** | **IR-RELIĠJON** | **IL-ĦIN: Siegħa u nofs** |
|---|---|---|

**L-Isem:** ______________________________________ **Il-Klassi:** _______________

**A. Agħżel il-kelma t-tajba.** **(10 marki)**

**Eżempju:** Nifforma l-kuxjenza tiegħi fuq (it-tagħlim ta' Ġesù, il-ħbieb, il-*media*).

1. Il-kuxjenza hija (il-pariri ta' sħabna, il-leħen ta' Alla fina, ir-ruħ tagħna).
2. (L-adorazzjoni, L-idolatrija, Il-kuxjenza) hija l-qima li nagħtu lil Alla veru.
3. (L-għażż, It-talb, L-istint) jingħad li hu missier il-vizzji.
4. It-talba "Mulej, agħmilni strument tal-paċi tiegħek" hi ta' (San Martin, Madre Tereża, San Franġisk t'Assisi).
5. Min jagħti qima lil allat oħra jkun qiegħed jagħmel dik li tissejjaħ (superstizzjoni, ġurament, idolatrija).
6. Meta kien ser jegħreq, (San Pietru, San Pawl, San Ġwann) għajjat "Salvani, Mulej".
7. Min iħobb bil-verità, ifittex (li jgħin, li jaħqar, li jagħti eżempju ħażin) lil ħaddieħor.
8. L-imħabba ta' Ġesù lejn l-oħrajn tiġbor (lil kulħadd, lil-Lhud biss, lill-Insara biss).
9. "Mulej, int ħlaqtna għalik u qalbna ma tistrieħx jekk mhux (fik, fl-oħrajn, fil-ħbieb)".
10. Bid-dagħa nkunu qed (infaħħru, inżebilħu, inqimu) lil Alla.

**B. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mil-lista t'hawn taħt.** **(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| il-flus | l-okkult | San Martin | tajjeb | nirringrazzjaw |
| il-mard | il-Missierna | Lazzru | Tobija | Pietru |

1. ______________ hija t-talba li għallimna Ġesù.
2. _______________ qasam il-mantell min-nofs u tah lil wieħed fqir.
3. Fost l-allat foloz ta' żmienna nsibu _______________.
4. Ġesù qal lil _______________, "Itlaq minn quddiemi, ja xitan."
5. _______________ huwa meta tmur taqra l-futur tiegħek għand is-saħħar.
6. Huwa tajjeb li _______________ lil Alla ta' kulma tana.
7. Fil-Bibbja, iż-żagħżugħ _______________ baqa' msemmi għar-rispett lejn missieru wkoll meta xjaħ u għama.
8. Fil-bidu Alla ħalaq kollox _______________ .
9. Ir-raħal fejn kienu joqogħdu _______________u ħutu kien Betanja.
10. Nuru li napprezzaw lil ġisimna għax nieħdu ħsiebu kontra _______________.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**C. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**



Sitt ijiem wara, Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom. Ilbiesu sar abjad u jgħammex b'dija tal-għaġeb: ebda ħassiel fid-dinja ma jista' jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk.

U dehrilhom Elija ma' Mosè, jitkellmu ma' Ġesù. Qabad Pietru u qal lil Ġesù: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija."

Dan qalu għax ma kienx jaf x'jaqbad jgħid bil-biża' kbir li waqa' fuqhom.

Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu."

Minnufih taw ħarsa madwarhom u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesù waħdu.

*(Mark 9, 2-8)*

1. Agħti titlu lil din il-ġrajja. (marka)

______________________________

2. Minn liema ktieb tal-Bibbja hi meħuda din il-ġrajja? (marka)

______________________________

3. Liema huma l-kapitli u l-versi minn fejn ittieħdet din il-ġrajja? (2 marki)

______________________________

4. X'jisimha l-muntanja li fuqha ġrat din il-ġrajja? (marka)

______________________________

5. Lil min ħa miegħu Ġesù fuq din il-muntanja? (3 marki)

a. ______________ b. ______________ c. ______________

6. Iddeskrivi kif tbiddel ilbies Ġesù. (2 marki)

______________________________

______________________________

7. Min deher ma' Ġesù? (2 marki)

a. ______________ b. ______________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8. X'qallu Pietru lil Ġesù? (2 m

______________________________

9. Ta' min kien il-leħen li nstema' minn ġos-sħaba? (2 marki)

______________________________

10. X'qal il-leħen li nstema' mis-sħaba? (2 marki)

______________________________

11. Il-leħen li nstema' minn ġos-sħaba jgħidilna żewġ affarijiet importanti fuq Ġesù. Liema huma? (2 marki)

a. ______________________________

b. ______________________________

**D. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numru fil-kaxxi tan-nofs. (10 marki)**

| Kolonna A | | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-ġenna | | l-Iżlam jgħallem li hemm ħajja wara l-mewt. |
| 2. | Bħar-Reliġjon Nisranija, | | nikkomunikaw bejnietna. |
| 3. | Fl-ewwel tliet kmandamenti | | li għandna naduraw lil Alla biss. |
| 4. | Ħbiberija tikber u tiżviluppa daqskemm inkunu kapaċi | | hija l-aktar ħaġa kbira li qatt jista' jixtieq il-bniedem. |
| 5. | Il-preġudizzju | | agħmlu int lil ħaddieħor |
| 6. | Meta kien fid-deżert, Ġesù qal lix-xitan | | isum u jitlob. |
| 7. | It-tentazzjoni | | jgħidilna biex inħobbu u nirrispettaw lill-ġenituri tagħna. |
| 8. | Dak li trid li ħaddieħor jagħmel lilek, | | Alla jurina kif għandha tkun ir-rabta tagħna miegħu. |
| 9. | Ir-raba' kmandament | | dejjem tippreżenta lilha nfisha bħala xi ħaġa sabiħa u li togħġbok. |
| 10. | Ġesù għadda erbgħin jum fid-deżert | | hu impressjoni ħażina li nibnu fuq ħaddieħor. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**E. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** **(2**

1. X'jistenna minna Alla fl-ewwel kmandament?

2. Minn min hi magħmula t-Trinità Qaddisa?

3. Min kienu l-akbar ħbieb ta' Ġesù?

4. Minn fejn jistgħu jiġu t-tentazzjonijiet? Agħti żewġ eżempji.

   a. ______ b. ______

5. Semmi żewġ tentazzjonijiet li kellu Ġesù fid-deżert.

   a. ______ b. ______

6. Semmi tnejn mill-appostli.

   a. ______ b. ______

7. X'inhu t-talb?

8. X'wiegħed Alla lil min jirrispetta lill-ġenituri tiegħu?

9. Agħti eżempju ta' kif nistgħu nuru rispett lejn il-ġenituri tagħna.

10. Bħala Nsara, kif nistgħu nimxu fit-triq ta' Ġesù?

**F. Ikteb żewġ sentenzi fuq kull persunaġġ/kelma minn dawn li ġejjin:** **(10 marki)**

1. Sawl

2. David



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Ġonatan

4. Id-dagħa

5. Il-ġurament

**G.** Agħti ħames eżempji ta' kif int, bħala Nisrani/ja, tista' tkun veru ħabib/a tal-oħrajn.

a.

b.

c.

d.

e.

**(5 marki)**

**H.** Ġesù qalilna, "Kulma tagħmlu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu tagħmluh miegħi." Ikteb paragrafu ta' madwar 50 kelma biex turi kif Madre Tereża għexet dan il-kliem.



**(5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

I. Irrakkonta fi kliemek l-istorja meta Ġesù kien ittentat fil-Ġnien taż-Żebbuġ. Kif irnexxielu Ġesù jirbaħ din it-tentazzjoni?



**(10 marki)**

**Tmiem il-Karta**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers